MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 371/2010

**GO p.l.c. – C 22334**

**vs**

**Lorenza sive Loraine Saliba**
**I.D. 510365 M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenuta l-hlas tas-somma ta’ disa’ mija u sebgha u sittin Ewro u disghin centezmu (€967.93), liema ammont huwa dovut lis-socjeta’ attrici n konnessjoni mas-servizz ta’ komunikazzjoni bl-akkont numru 40089693 moghti mis-Socjeta’ attrici, skond diversi kontijiet mibghuta lilha u skond id-dokumenti annessi ma l-avviz tat-talba markati bhala:

IZY 1 propett ghas-servizz relattiv.
IZY 2 ftehim dwar is-servizz relattiv.

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenuta thallas is-somma ta' disa' mija u sebgha u sittin Ewro u disghin centezmu (€967.93), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------